MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 275/2013

**Albert Falzon Sant Manduca (ID417542M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Albert F.S. Manduca Limited (C247)**

**Vs**

**George Debono (ID330859M) taht l-isem kummercjali 'Crash Prices Cash & Carry'**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 03 ta' Mejju, 2013 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici qed teccepixxi:

Illi s-Socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija erbgha u disghin ewro u sitta u sebghin centezmu tal-ewro (€1,894.76c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lili mibjugha u kkonsenjata izda mhux imhallsa hekk kif jirrizulta minn *statements* annessi u mmarkata bhala dok 'A'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar, 2013 u bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Jannar, 2013 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa stess ngunt in Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 11 ta' Gunju, 2013 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai finijiet tal-artikolu 2148(a) u 2156(f) tal-Kap 16.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost kull ammont li setgha talvolta kien dovut thallas u ghalhekk ma hemmx ebda bilanc dovuti lill-atturi.

3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri permess skont il-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Aquilina ghas-Socjeta' attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju, 2013 fejn it-talba giet differita ghas-Sentenza *in diffetto ostakolo.*

Ikkunsidra:

Illi s-Socjeta' attrici permezz ta' din il-kawza qeghda titlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma komplessiva ta' elf tmien mija u erbgha u disghin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€1894.76c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija.

Dan it-Tribunal gie mitlub jiddeciedi fuq l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuta fir-risposta taghha u cioe illi t-talba hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikolu 2148 (b) ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jew l-Artikolu 2156(f).

L-artikolu 2148 (b) jiddisponi li "*l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut*" jaqghu bi preskrizzjoni b'dekors ta' tmintax-il xahar.

Illi ghalhekk il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) hija applikabbli ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ghall-kuntrarju ta' dik il-merkanzija mibjugha bl-ingrossa li ghaliha tapplika il-preskrizzjoni ta' hames snin ossia l-Artikolu 2156(f).

Fil-kawza odjerna l-attur huwa supplier ta' xorb alkoholiku. Il-konvenut George Debono, huwa sid u operatur tal-hanut "Crash Prices, Cash and Carry", Birkirkara, li jbiegh "Wines and Spirits".

F' **Gaetano Abdilla Et vs Sebastian Dalli Noe** [1]l-Qorti iddikjarat is-segwenti:

*"Il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) hija applikabbli ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ossia bid-dettal.*

F'din il-kawza giet citata l-kawza : **Attard vs Refalo**[2] fejn il-Qorti ddikjarat:

"*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e`che il primo vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro.*

---

[1] Qorti Civili App Sup 4/11/2005
[2] Koll. Vol. XIII.294

Il-ligi ma tiddistingwix bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa pero` l-kriterju distintiv huwa li l-grossista jbiegh l-aktar lil negozjanti ohra filwaqt li d-dettaljatur ibiegh lill-konsumaturi fi kwantitajiet zghar dettati mill-bzonn li jkollhom.[3]

Fil-kaz in ezami l-konvenut xtara prodotti minghand grossista u cioe` Socjeta` li tbiegh lill-hwienet u mhux direttament lill-konsumaturi. [4] Jidher illi l-konvenut xtara merkanzija ghall-hanut tieghu bl-ingrossa biex ibieghom lill-konsumaturi u dan Jirrizulta mis-*sale transaction history* li gie ppresezentat. [5] Illi rrizulta illi l-ahhar *sales transaction* kien f'Ottubru, 2012 (Ara fol 38 u 40 tal-process).

Minn dan jidher car illi l-preskrizzjoni sollevata tal-artikolu 2148 (b) cioe` ta' terminu ta' preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar mill-konvenut ma jistax jigi applikat ghal kaz in ezami. Illi anke fir-rigward tal-Artikolu 2156 (f) il-perjodu prekrittiv huwa ta' hames snin. L-attur esebixxa dok 'JA1' li juri s-*sale transaction history* bil-hlasijiet. Irrizulta illi x-xoghol bejnithom waqaf f'Ottubru, 2012 meta s-George Debono waqaf milli jordna x-xoghol ghaliex jidher li kien qed jikkontesta xi diskrepanzi fil-kontijiet. Giet presentata ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar, 2013 pero` dan apparti s-*sales transaction history* stess juri illi fl-ahhar sena, cioe` 2012, saru diversi hlasijiet u kif ukoll ghalhekk lanqas ma jista jigi applikat l-Artikolu 2156 (f).

Fil-kawza ***Austin Psaila vs Lother Slabick (Qorti tal-Appell Sede Inferjuri )***[6] *fejn inghad li :-*

*"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*

---

[3]Ara ukoll Emanuel Micallef pro et noe v Francis Mercieca u Giovanni Micallef vs Giuseppe Azzopardi

[4] Ara xhieda ta' Joseph Aquilina a fol 25
[5] Id-dokument JA 1 juri l-ahhar hlas li sar kien fi 22 t' Ottubru, 2012
[6] 9 ta' Mejju 200

Fir-rigward tal-mertu t-Tribunal ra illi minkejja diversi seduti ma tressqux aktar provi da parti tal-konvenuti biex jgib provi ghaliex m'ghandux ihallas l-ammont mitlub. Allura fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi t-talba hija sodisfacjentement ippruvata.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla u jilqa' t-talba ghall-hlas tas-sorte fl-ammont ta' elf tmien mija u erbgha u disghin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€1894.76c) bl-imghax skont kif mitlub fl-Avviz tat-Talba u l-ispejjez a kariku tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------